MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 1843/1999/1

**Joseph u Monica konjuġi Grima; u b'dikriet tal-5 ta' Frar 2013 wara l-mewt ta' Joseph Grima fil-mori tal-kawża, il-kawża tkompliet f'isem l-istess Monica Grima bħala werrieta universali tiegħu, u f'isem Olivia Ann Debattista għal kull interess li għandha u li jista' jkollha; Nazzareno u Mary Grace konjuġi Seguna**

***versus***

**Pierre Buontempo, Ruben u Romina konjuġi Buontempo u *Centre Travel Company Limited*; u b'dikriet tad-19 ta' Mejju 2000 issejjaħ fil-kawża Guido Grima**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta Romina Grima minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Lulju 2009 li, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, iddeċidiet hekk:

> "1. Tiddikjara lill-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben u Romina konjuġi Buontempo u *Centre Travel Company Limited* debituri tal-atturi fis-somma ta' Lm20,000;
>
> "2. Tiddikjara li l-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben Buontempo u *Centre Travel Company Limited* u l-kjamat in kawza Guido Grima aġixxew b'mod frawdolenti fil-konfront tal-atturi;
>
> "3. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fl-ammont ta' €46,587.47 ekwivalenti għal Lm20,000;
>
> "4. Tikkundanna lill-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben u Romina Buontempo u *Centre Travel Company Limited* solidament sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' €34,940.60;
>
> "5. Tikkundanna lill-kjamat in kawża Guido Grima sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' €11,646.87.
>
> "Bl-ispejjeż kif mitluba kwantu għal tliet kwarti kontra l-konvenuti Pierre Buontempo, Reuben u Romina konjuġi Buontempo u *Centre Travel Company Limited* u kwantu għal kwart kontra l-kjamat in kawża Guido Grima."

2. Minn din is-sentenza appellaw Pierre, Ruben u Romina Buontempo ["il-konvenuti Buontempo] u *Centre Travel Limited* ["is-soċjetà konvenuta"] b'rikors tal-24 ta' Lulju 2009; appellaw inċidentalment l-atturi b'rikors tas-17 t'Awissu 2009; u appella wkoll inċidentalment il-konvenut imsejjaħ fil-kawża Guido Grima ["il-konvenut Grima"] b'rikors tat-13 t'Awissu 2009.

3. L-appell ewlieni u l-appelli inċidentali nqatgħu b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-5 ta' April 2013 li iddeċidiet hekk:

> "… … … tiddisponi mill-appell ta' Pierre Buontempo, Ruben u Romina miżżewġin Buontempo u Centre Travel Co. Ltd, u mill-appell inċidentali ta' Guido Grima, billi tiċħad l-istess u tiddisponi mill-appell inċidentali tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel qorti billi tikkonferma l-istess ħlief li tiddikjara lill-konvenuti Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo, is-soċjetà Centre Travel Co. Ltd u l-kjamat fil-kawża Guido Grima, solidalment responsabbli flimkien għall-ħlas lill-atturi tas-somma ta' €46,587.47 (l-ekwivalenti għas-somma ta' Lm20,000 mislufa), likwidat mill-ewwel qorti, liema ħlas għandu jsir bl-imgħax legali mill-15 ta' April 1998 sal-pagament effettiv.
>
> "L-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluz *in prim'istanza*, jitħallsu b'mod solidali minn Pierre Buontempo, Ruben u Romina Buontempo, is-soċjetà *Centre Travel Co. Ltd* u Guido Grima."

4. Wara talba magħmula mill-konvenuti Buontempo u mis-soċjetà konvenuta b'rikors tal-4 ta' Lulju 2013, u talba oħra magħmula mill-konvenut Grima b'rikors tal-5 ta' Lulju 2013 biex l-appell jinstema' mill-ġdid wara li titħassar is-sentenza ta' din il-qorti tal-5 ta' April 2013 taħt il-para. (*e*), (*f*), (*g*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, din il-qorti b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Mejju 2014 iddeċidiet hekk:

> "... ... ... tiddisponi mit-talba għat-tħassir tas-sentenza billi tiċħad għalkollox it-talba tal-konvenut Grima u tiċħad ukoll it-talba tal-konvenuti Buontempo u tas-soċjetà konvenuta ħlief safejn din it-talba tolqot il-kap dwar ir-responsabilità u l-kundanna tal-konvenuta Romina Buontempo. Għalhekk, kif igħid u jrid l-art. 813 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tħassar biss dak il-kap tas-sentenza attakkata fejn ġiet konfermata r-responsabilità ta' Romina Buontempo u fejn din ġiet kundannata tħallas *in solidum* mal-konvenuti l-oħra, u tordna illi l-appell relativ għal dak il-kap jinstema' mill-ġdid.
>
> "... ... ... dwar l-ispejjeż relativi għar-responsabilità u l-kundanna tal-konvenuta Romina Buontempo jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali."

5. Il-qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tqis mill-ġdid l-appell ta' Romina Buontempo biss.

6. L-atturi kienu fetħu din il-kawża għax igħidu illi huma kienu silfu lill-konvenuti Buontempo u/jew lis-soċjetà konvenuta ammonti ta’ flus għan-negozju u dawn biex iħallsuhom lura l-flus mislufa u xi spejjeż ħarġu *cheque*, iffirmat mill-konvenuti Pierre u Ruben Buontempo, għal wieħed u għoxrin elf lira (Lm21,000). Dan iċ-*cheque* iżda ma ġiex onorat, u l-atturi igħidu illi dan sar b'qerq. Għalhekk fetħu l-kawża u talbu illi l-qorti:

> “1. tiddikjara li l-konvenuti, jew minnhom, huma debituri tal-atturi wara li l-atturi avvanzaw ammonti ta’ flus lill-konvenuti u wara li l-konvenuti, bi ħlas lura tal-ammonti avvanzati, ħargu ċekk numru mitejn u sebgħa u sebgħin (277) fuq kont kurrenti 11204911010 mal-*Bank of Valletta p.l.c.*, liema ċekk ma ġiex onorat;
>
> “2. tiddikjara li b’tali atti l-konvenuti aġixxew b’mod frawdolenti fil-konfront tal-atturi;
>
> “3. tillikwida l-ammonti dovut lill-atturi mill-konvenuti, jew min minnhom, bl-imgħaxijiet dovuti;
>
> “4. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.”

7. Il-konvenuta appellanti Romina Buontempo ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi “n-natura tad-dejn kif premessa fiċ-ċitazzjoni attriċi ma tinkwadrax ruħha fid-djun li skond il-Kodiċi Ċivili jistgħu jiggravaw fuq il-komunità tal-akkwisti”.

8. Issejjaħ ukoll fil-kawża l-konvenut Grima. Il-kawża tallum imxiet flimkien ma’ kawża oħra fl-ismijiet <u>Guido Grima *v.* Pierre Buontempo *et*</u> (ċitazzjoni numru 1729/2000).

9. L-ewwel qorti, kif rajna, qatgħet il-kawża billi, wara li qalet illi l-konvenuti Pierre u Ruben Buontempo u l-konvenbut Grima mxew b’qerq u

illikwidat l-ammont li għandhom jieħdu l-atturi fis-somma ta' għoxrin elf lira (Lm20,000), daqs sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47), ikkundannat lill-konvenuti Buontempo u lis-soċjetà konvenuta flimkien *in solidum* iħallsu lill-atturi erbgħa u tletin elf, disa' mija u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€34,940.60) u ikkundannat lill-konvenut Grima jħallas lill-atturi ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), f'kull każ bl-imgħax minn dakinhar li nfetħet il-kawża.

10. Ir-raġuni għala ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-konvenuta Romina Buontempo ġiet mill-ewwel qorti mfissra hekk:

> "B'referenza għar-raba' eċċezzjoni[1] mressqa mill-konvenuta Romina Buontempo, il-qorti hi tal-fehma illi l-konvenuta għalkemm ma kellha x'taqsam xejn mas-self mertu tal-kawża, l-istess dejn jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti *stante* li l-konvenut Ruben Buontempo kien ko-parteċipi fil-ħruġ taċ-*cheque* in kwistjoni u li sussegwentement ma ġiex onorat. Għaldaqstant din il-qorti ma tistax tilqa' din l-eċċezzjoni."

11. Bis-sentenza tal-5 ta' April 2013 din il-qorti ċaħdet l-appell tal-konvenuti Pierre u Ruben Buontempo u Guido Grima u ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti fejn din sabet lil dawk il-konvenuti responsabbli personalment għad-dejn, ħlief illi sabithom responsabbli *in solidum* għad-dejn kollu kif mitlub fl-appell inċidentali tal-atturi. Din il-parti tas-sentenza ma ġietx imħassra bis-sentenza *in rescindendo* tad-19 ta' Mejju 2014, li, dwar Pierre u Ruben Buontempo, qalet illi dawn ""tqiesu responsabbli għax il-qorti kienet tal-fehma illi kienu flimkien ħatja ta'

1 L-eċċezzjoni miġjuba fil-para. 7, *supra*.

qerq”[2]. Tħassret biss il-parti fejn ġie miċħud l-appell ta’ Romina Buontempo li għalhekk sejjer issa jitqies mill-ġdid.

12. L-aggravju tal-appell ta’ Romina Buontempo ġie mfisser hekk:

> “... ... ... b’referenza għall-appellanti Romina Buontempo għandu jingħad ukoll illi permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejnha u l-appellanti l-ieħor Ruben Buontempo ġie miftiehem illi:
>
> > ““The husband and wife agree that all debts including debts contracted or incurred during marriage or period of *de facto* separation shall be the sole responsibility and remain exclusively payable by the party who personally contracted or incurred such debts.”
>
> “Għal din ir-raġuni ... l-appellanti Romina Buontempo għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.”

13. Dan l-aggravju ġie miċħud bis-sentenza tal-5 ta’ April 2013 għar-raġuni li ġiet imfisra hekk:

> “Fir-rigward ta’ Romina mart Ruben Buontempo, dak li ftiehmu fuqu fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali huwa *res inter alios acta* għall-kredituri, u bħala parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti allura eżistenti bejnha u żewġha, hi komparteċipi fl-obbligi li assuma żewġha fil-kors tan-negozju tiegħu (ara artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili).”

14. Din il-parti tas-sentenza tal-5 ta’ April 2013 ġiet imħassra bis-sentenza *in rescindendo* tad-19 ta’ Mejju 2014 għar-raġuni li ġiet imfissra hekk:

> “Is-sentenza attakkata qalet illi Romina Buontempo twieġeb għad-dejn “bħala parteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti allura eżistenti bejnha u żewġha”. Dan iżda ma hux biżżejjed għax kellha tara wkoll jekk id-dejn huwiex wieħed li jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, l-aktar meta sabet illi l-konvenuti Pierre u Ruben Buontempo kienu personalment responsabbli għad-dejn għax kienu ħatja ta’ qerq, il-qorti kellha tara jekk it-talba tal-atturi kinitx għal “rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda”. Din il-qorti ma hijiex sejra tagħmel din l-indaġni f’dan l-istadju *in rescindendo*, iżda, billi din hija indaġni li kien imissha saret u għandha ssir, sejra tħassar is-sentenza attakkata fil-kap tagħha biss li jolqot ir-responsabilità personali ta’ Romina Buontempo u tordna illi l-appell ta’ din relativ għal dak il-kap tas-sentenza jinstema’ mill-ġdid”

[2] Para. 13 tas-sentenza tad-19 ta’ Mejju 2014.

15. Mhux biżżejjed illi l-kuntratt ta' firda ma jeħlisx lill-konvenuta appellanti mir-responsabbiltà – mhux tant għax *res inter alios acta* iżda għax ma saritx prova li dan il-kuntratt kien pubblikat qabel ma seħħew il-fatti li wasslu għal din il-kawża – iżda jrid jiġi stabilit qabel xejn jekk hemmx il-kondizzjonijiet li trid il-liġi biex dejn jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti. Dwar dan, l-art. 1327(*f*) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> "**1327.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1329 il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun li ġejjin:
>
> "... ... ...
>
> "(*f*) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda."

16. Li rridu naraw mela hu jekk id-dejn huwiex "rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda".

17. Fil-fehma ta' din il-qorti d-dejn inħoloq meta l-atturi silfu l-flus lis-soċjetà konvenuta u mhux meta ċ-ċekk biex jintradd dak id-dejn ma ġiex onorat. Min-naħa l-oħra l-qerq – li, fiċ-ċirkostanzi idoneji, jista' jitqies reat li jkun sar bir-rieda – seħħ meta nħareġ iċ-*cheque* bil-għarfien li dan ma kienx sejjer jiġi onorat. Għalhekk, sakemm ma jintweriex illi s-self sar għax l-atturi kienu mqarrqa bil-ħruġ taċ-*cheque*, u b'hekk il-qerq bil-ħruġ taċ-*cheque* ikun ukoll il-raġuni għala sar is-self, ma jistax jingħad illi d-dejn huwiex "rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda".

18. Mix-xiehda iżda ħareġ illi ċ-*cheque* li ma ssarrafx inħareġ wara, u mhux qabel, ma sar is-self. Fil-fatt, l-attur Joseph Grima, meta xehed quddiem l-ewwel qorti fil-5 ta' Novembru 2007, xehed illi ċ-*cheque* sar

"*wara* li ġew u raw it-trasferiment isir"[3]. It-trasferiment li qiegħed isemmi hawn l-attur huwa t-trasferiment tal-flus li bihom sar is-self mill-kont tiegħu għal dak tas-soċjetà konvenuta. Il-qerq – il-ħruġ ta' *cheque* li ma kienx sejjer jiġi onorat – sar wara li sar is-self, u għalhekk ma setax kien il-kawża tiegħu. Id-dejn li għalih għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti huwa dak tas-self li sar qabel u għalhekk ma huwiex "rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda". Mela d-dejn jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk għandha twieġeb għalih il-konvenuta appellanti wkoll.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata kif riformata b'dik il-parti li ma tħassritx tas-sentenza ta' din il-qorti tal-5 ta' April 2013 u tikkundanna lill-appellanti tħallas ukoll l-ispejjeż ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

3 *Fol*. 246 tal-proċess tal-ewwel qorti; enfasi miżjud.